# Rapport Amministrattiv tas-Segretarju tal-Għaqda għas-Snin 1950-1951

MINN Frar ta' l-1950, meta kien maħtur f'laqgħa ġenerali, sal-lum, dan il-Kunsill iltaqa' 15-il darba; f'dawn il-laqgħat kienu mistħarrġa bosta kwistjonijiet kollha importanti fihom infushom, u fosthom xi waħdiet li jolqtu l-iskop ewlieni tal-Għaqda. Dejjem ittieħdu l-passi meħtieġa, imma bil-prudenza kollha, u nistgħu ngħidu, kważi dejjem b'suċċess.

Għalkemm żgur li kull wieħed minna jaf li issa, wara aktar minn 30 sena ħajja, l-Għaqda għandha d-Dar tagħha, dan, iżda hu pass hekk 'il quddiem li ma nistax ma nsemmihx; jekk l-Għaqda għandha biex tiftaħar b'ħafna affarijiet, ngħidu aħna li dejjem imxiet dritta u bla tagħwiġ fit-triq li twassal għat-twettiq ta' l-iskop tagħha; li fost il-Membri Akkademiċi tgħodd nies mhux biss magħrufa għall-ħidma tagħhom fil-qasam tal-letteratura Maltija u dak kollu li għandu x'jaqsam ma' l-ilsien Malti, imma li għandhom kariga għolja fil-fergħat differenti tal-ħajja kulturali tagħna, nies imweġġħin mill-barrani li saħansitra ma jistmerrx jitlob il-parir tagħhom fuq kwistjonijiet ta' importanza internazzjonali; iva, jekk l-Għaqda tista' tiftaħar b'dan u b'aktar, żgur ma tistax biss tiftaħ fommha dwar l-għana materjali tagħha. Riedet tkun il-qalb tajba tas-Sur Ugo Muscat Azzopardi, P.L., li ta' kull sena iħallsilna l-kera biex l-Għaqda tagħna ikollha Darha, u aħna niżżuh ħajr; għadd ta' Membri oħra minn rajhom għenu wkoll finanzjarjament biex id-Dar tagħna titgħammar; kif qegħdin taraw b'għajnejkom għadna lura u l-Għaqda jistħoqqilha wisq aħjar, imma issa għallinqas għandna fejn niltaqgħu u ma rridx nħabbtu bieb ħadd, għalkemm fl-imgħoddi konna dejjem milqugħin tajjeb. Xieraq ukoll li jiena ngħid kelma ta' ħajr lis-Sur Nin Cremona, il-Viċi President tagħna u flimkien miegħu t-Teżorier, li tħabtu u ħabirku biex tinkiseb id-dar, titnaddaf u titgħammar — biċċa xogħol xejn ħafifa għax in-nefqa riedet issir bil-kumpass.

Konna ilna nħossu l-ħtieġa li fl-arkivji tal-Għaqda ikun hemm tagħrif dwar il-ħajja letterarja tal-Membri; il-Kunsill ħaseb għalhekk u stampa formularju li tqassam fostna lkoll, imma jisgħobbini ngħid mhux kulħadd wieġeb. Fil-qasam lette-

tarju, barra l-pubblikazzjoni ta' "Il-Malti", l-organu tagħna, li baqa' mhux biss joħroġ regolari, minkejja li x-xogħol ta' l-istampa u l-prezz tal-karta għolew, imma żdied fil-għadd tal-paġni; is-Sur Ivo Muscat Azzopardi, P.L., li ndaħal biex jorganizza taħditiet u qari ta' poeżija mir-*Rediffusion* li taw gost lil min semagħhom; kien hemm ħsieb ukoll li jsir kunċert mużiku-letterarju, imma dan ma rnexxiex. Nittamaw li meta ssir il-bidla meħtieġa fl-Istatut u jkollna Segretarju għall-Propaganda, il-ħidma tal-Għaqda tkun aktar magħrufa u apprezzata mill-poplu Malti. Irrid inżid ukoll li għalkemm "Il-Malti" kien minn dejjem jitqassam fost il-Maltin ta' barra, issa qed ukoll jasal fost dawk minn ħutna li jgħixu Tripli u Detroit. Sabiex inħeġġu aktar it-tagħlim ta' lsienna twaqqfet Kummissjoni biex tistħarreġ il-qagħda ta' l-istudju tal-Malti fl-iskejjel u hekk wara li jinġabar it-tagħrif meħtieġ l-Għaqda tkun tista' tagħti l-pariri tagħha lill-Awtoritajiet tal-pajjiż. B'mezz tad-Direttur ta' l-Edukazzjoni, il-Kunsill daħal f'korrispondenza ma' fergħa ta' l-U.N.E.S.C.O., li talbet xi tagħrif fuq ilsienna, l-aktar kif jinkiteb, biex issir xi kitba fuq is-sistema Braille, u hekk jinfetaħ bieb il-għerf għall-għomja Maltin. Kellna wkoll korrispondenza mal-Manager tal-Broadcast Relay Service (Malta) fuq xi nuqqasijiet fix-xandir bil-Malti; it-tweġiba li tana kienet favorevoli ħafna u nittamaw li fli ġej ma jkollniex għalfejn ingergru. Forsi mhux kulħadd jaf li ħtija ta' xi ekonomiji li kellhom isiru, kien hemm żmien meta x-xandir bil-Malti mill-B.B.C. kien sejjieqaf; aħna malajr ktibna Londra u fissirna bla tlaqliq il-fehma tagħna...... u x-xandir baqa' bħal qabel. It-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel issemma wkoll fil-Parlament tagħna — kienet kwistjoni delikata; il-Kunsill studjaha bir-reqqa, ittrattaha bil-prudenza kollha u mhux bla success. Fl-aħħar rapport dwar l-attivitajiet tal-Għaqda naqraw li l-Gvern kien sejr iwaqqaf Kumitat Konsultativ dwar l-għoti ta' sussidju għal pubblikazzjonijiet bil-Malti u li l-Għaqda kienet mitluba tibgħat ir-rappreżentanti tagħha: ma' tul dawn l-aħħar sentejn il-Kumitat twaqqaf taħt il-presidenza tad-Direttur ta' l-Edukazzjoni u s'issa ltaqa' kemm-il darba u ta l-pariri tiegħu: aħna konna tlabna l-għajnuna tal-Gvern biex nippubblikaw fi ktieb il-kitba bil-Malti tal-mibki Sir Temi Zammit, wieħed mill-membri tagħna li għamel ġieħ kbir lil art twelidu; it-talba tagħna kienet mil-

qugħa, u x-xogħol, li qiegħed f'idejn is-Sur Nin Cremona, huwa ga kważi lest għal kollox.

L-għadd tal-Membri Akkademiċi żdied; daħlu magħna: ir-Rev. Patri Professur A. Cuschieri, Karmelitan, li hu magħruf għall-poeżija tiegħu u li dwarha jkun żejjed li wieħed jitkellem hawn — il-Professur Cuschieri laqa' wkoll it-talba tagħna li jkun President Onorarju; ir-Rev. Patri Pawl Galea, Dumnikan, kittieb fuq suġġetti varji imma magħruf l-aktar għal dawk ta' xejra soċjoloġika; is-Sur Wallace Gulia, li għalkemm għadu student ta' l-Università hu gà diplomat f'diversi fergħat tal-għerf — Wallace Gulia hu kittieb ħlejju ta' poeżija Maltija; il-Wisq Rev. Mons. Pawl Cauchi, li sa mit-twaqqif tal-Għaqda wera l-ħrara tiegħu għal ilsienna u l-lum nafuh bħala kittieb tajjeb fuq suġġetti reliġjużi; u r-Rev. Patri Mattew Sultana, Kappuċċin, li ga ħa isem bħala poeta u kittieb ta' artikoli interessanti dwar il-Fidi tagħna. B'hekk l-Għaqda tagħna qiegħda tissaħħaħ dejjem aktar. Imma min-naħa l-oħra ma nistgħux ma nibkux it-telfa tas-Sinjorina May Butcher li mietet fi tmiem is-sena 1950; għalkemm mhix Maltija, is-Sinjorina May Butcher ħabbet il-sienna u ħadmet għalih bil-forzi tagħha kollha.

Hu dmir tiegħi nfakkar ukoll il-ġieh li ngħata pubblikament lil xi Membri tagħna ma' tul dawn is-sentejn għall-meriti kbar tagħhom: Is-Sur Ġużè Ellul Mercer nħatar mill-poplu biex jirrappreżentah fl-Assemblea Leġislativa — fit-tweġiba tiegħu għall-ittra tagħna ta' ferħ is-Sur Ellul Mercer wegħidna l-għajnuna tiegħu f'kull ma l-Għaqda teħtieġ fil-ħidma tagħha; il-President tagħna Dr. Ġużè Galea u s-Sur George Ransley laħqu grad għoli fl-Ordni tal-Kavalieri ta' Malta; il-President tagħna kien maħtur ukoll Tabib Prinċipali tal-Gvern — kariga għolja u ta' responsabbiltà kbira; il-Wisq Rev. Mons. Paul Galea fi tmiem is-sena li ħarġet kien dekorat mill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur bil-Midalja Ġużè Muscat Azzopardi sew bħala difensur qalbieni tal-jeddijiet ta' lsienna kemm bħala kittieb u traduttur. Is-sena li għaddiet il-Wisq Rev. Mons. C. Psaila, jew aħjar, Dun Karm, il-Prinċep tal-Poeti Maltin — għal bosta snin President tagħna u issa President Onorarju — għalaq 80 sena; din il-ġrajja ma setgħetx titħalla tintesa, u lanqas ma stajna ma nifirħux mal-President tagħna għall-ġieħ għoli mogħti lilu — għalhekk għamilna pranzu f'H'Attard, u huma t-tnejn kienu

l-mistednin principali tagħna ; ħadu sehem għadd sabiħ ta' Membri, oħrajn kienu magħna fl-ispirtu, fosthom bla ebda dubju, is-Sinjorina Mary Mejlak.

Kif qalilna l-President fid-diskors tiegħu fl-aħħar laqgħa ġenerali li kellna, l-Għaqda issa qiegħda tgawdi l-frott tat-taħbit tagħha ma' tul aktar minn 30 sena ta' taqbid qaddis, għalkemm dan ma jfisserx li r-rebħa hi tagħna għal kollox u li t-triq hija watja. Żgur ħadd ma jmerini meta ngħid li, jekk aħna, u magħna Malta kollha, qegħdin issa ngawdu fit-trijonf ta' l-Ilsien Malti dan ir-rebħ nafuh ħafna għall-ħidma bla waqfien, għat-tmexxija għaqlija u għax-xejra korretta li ta lill-Għaqda l-ewwel President tagħna, il-mibki imma wisq maħbub Kav. Ġużè Muscat Azzopardi u l-għajnuna li wliedu qed jagħtuna. L-Għaqda ma tista' qatt tħalli dal-fatt jintesa u għalhekk ġà bdiet taħseb sabiex fl-1953, f'egħluq il-mitt sena mit-twelid ta' Ġużè Muscat Azzopardi jitwaqqaflu busti f'post pubbliku, u f'Ħal Qormi, fejn hu ra d-dawl tal-ħajja, tissemma triq għalih. Dan ser ikun wieħed mid-dmirijiet tal-Kunsill il-ġdid.

Ħadd ma għandu jaħseb li dan il-Kunsill, li issa għalaq żmienu, wassal fit-tmiem kull kwistjoni li kellu ma' wiċċu jew kull biċċa xogħol li beda jew xtaq jagħmel ; hemm għadd ta' problemi li tagħhom għadna ma sibniex tarf — u minn dawn dejjem jinqalgħu l-ġodda — ħidmiet li ma ntemmux, pjanijiet li għadhom ma twettqux għal kollox jew li għadhom qegħdin ikunu mistħarrġa; imma dan hu minn ewl id-dinja u bħal ta' qabilna aħna ser inħallu warajna wirt imħallat. Biss aħna ninsabu henjin għax nafu li lkoll flimkien ħdimna b'ħilitna kollha għall-ġid tal-Għaqda u għat-twettiq tal-ħsieb ewlieni tagħha — ir-rebħa tal-Ilsien Malti fil-Gżejjer tagħna.